TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Consumer Claims Tribunal**

**Michael Vella**

**Vs**

**Brandon Degiorgio – Brandimports**

**CCT 80/22/MM**

**Illum,** 10 ta' Settembru 2024

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-26 ta' Mejju, 2022 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tlett elef u sitt mitt ewro (€3,600) rapprezentanti prezz ta' zewġ bibien ta' garaxxijiet li kienu difettużi.

L-intimat pprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta. Prinċipalment l-intimat qiegħad jirrifjuta t-talba peress li l-bibien twaħħlu f'coastal area u għalhekk ikun hemm iżjed melħ fl-arja.

Sema' x-xhieda u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti**

Illi fis-seduta tat-3 t'Ottubru 2023, xehed bil-ġurament ir-rikorrent u qal li kien ordna bieb ta' garaxx u wara li kien tlesta kien ordna l-bieb tad-dar mingħand l-intimat. Illi ġara li madwar sentejn wara li ġew installati,beda joħroġ is-sadid mil-bibien. Wara ħafna tentattivi sabiex l-intimat imur jara l-bibien, dan kien mar fuq il-post u ammetta verbalment li fil-każ tal-bieb tal-garaxx kienet ġiet konsenja ħażina u kien qallu li se jibdilulu. Illi r-rikorrent jkompli jispjega li kellu nuqqas ta' qbil mal-intimat fuq it-terminu tal-garanzija fuq il-bieb tad-dar. Illi r-rikorrenti preżenta

dokumentazzjoni sabiex isostni l-argument itegħu li l-garanzija kienet ta' 10 snin fuq iż-żewġ bibien.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Frar 2024 xehed -intimat bil-ġurament u spjega li huwa jġib il-bibien mill-Ġermanja u li għandhom garanzija ta' għaxar snin. Illi jgħid li hemm ħafna restrizzjonijiet fosthom li l-garanzijja ma tapplikax meta l-bibieb ikunu esposti għal "extreme conditions ex. Corrosive influences resulting from use in a coastal climate with high salt content". Illi dan id-dokument fejn hemm din il-klawzola ma tingħatax lill-klijenti iżda l-klijent jista jfittixha fuq il-website.

Illi t-Tribunal ra l-evidenza mhux kontestata ossia l-garanzija, xi ritratti tal-bieb li juri li ħiereġ is-sadid u sema' x-xhiedha tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Biex jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa bl-idea attraenti li jkollhom garanzija li tagħtihom id-dritt għal rimedju bla ħlas sakemm ikunu fil-pussess tal-prodott, huwa meħtieġ li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-garanzija jiddeskrivu b'mod ċar it-tifsira tal-kelma 'guarantee';. Illi fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-garanzija tal-prodott kienet għal għaxar (10) snin u li kienet tinkludi esklużjoni f'kazijiet fejn il-bibien jitwaħħlu f'postijiet fejn hemm "extreme conditions ex. Corrosive influences resulting from use in a coastal climate with high salt content". Illi huwa magħruf fuq ammissjoni tal-intimat li tali informazzjoni ma ngħatatx bil-miktub, u għalhekk l-intimat naqas li jipprovdi termini u l-kundizzjonijiet kienu jinkludu informazzjoni speċifika kif deskritta fil-leġiżlazzjoni tal-konsumatur. Il-garanzija in kwistjoni tinkludi sentenza kruċjali li dwar il-prodott u l-klijent jistenna li din tingħata lilu u mhux titpoġġa fil-website biss.

Filwaqt li l-garanziji kummerċjali jingħataw volontarjament minn bejjiegħa jew manifatturi, ladarba jingħataw dawn isiru legalment vinkolanti fuq in-negozjant li joħroġ il-garanzija.

Illi huwa mill-ewwel evidenti illi x-xorta ta' azzjoni esperita mir-rikorrenti hi dik li l-bibien minnu komprati ma kienux tal-kwalita mwegħda. Fi kliem ieħor huwa qiegħad jallega inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta` intimata u, allura, qegħda tippretendi d-danni.

Kif osservat, in linea ġenerali d-danni għandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oġġett mixtri. Dan, iżda, ma jfisserx, imbagħad,

illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifuzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oġġett jekk ix-xerrej ikun illimita ruħu għal xi waħda jew oħra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propozitu d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appel fl-ismijiet "Karl Francica -vs- Luke Piscopo et", 9 ta' Jannar, 2009.

Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgħ ma jkunx skont dak imwiegħed ossija l-oġġett mixtri ma jkunx konformi għall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa hekk "in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore". ("Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet"Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915); Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinħass aktar f'materja ta' rapport kummercjant- konsumatur skond ma jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiz li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi l-oggetti "ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort'ohra ipprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell (subpara. "a"), ikunu adatti ghall-iskop partikulari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom (subpara. "b"), ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw (subpara "c") u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f'oggetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' ragonevolment jistenna ... (subpara "d"); Terga' f'dan il-każ specifiku l-bieb hekk mixtri mir-rikorrenti kien ggarantit u l-bieb in kwistjoni kellu jiflaħ għal ghaxar snin.

Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Perito Architetto Vincenzo Zarb -vs- Barone Fc. Chapelle", Appell Civili, 8 ta' Jannar, 1912, illi "gli effetti della garanzia nella vendita possono essere per convenzione, estesi o ristretti". Inoltre mbaghad jigi puntwalizzat illi "il-fatt li fuq id-dokument huma mnizzlin certi patti ta' garanzija, bhal fil-kaz prezenti, ma huwiex bizzejjed, wahdu, biex jeskludi l-garanizji aktar ampji li taghti l-ligi, ghax jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanzija ghal dik biss li jkun espress fid-dokument b'eskluzjoni tal-garanziji legali, jew inkella li l-kondizzjonijiet tad-dokument ikun inkonciljabbli mal-garanzija legali". (Ara "Joseph Cefai -vs- Carmelo Petroni et nomine", Appell

Kummercjali, 28 ta' Gunju, 1957. Ara wkoll s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Christopher Falzon -vs- Noel Gauci", 12 ta' Gunju, 2009.)

Fil-kaz prezenti, kif hekk kien ukoll il-kaz in re: "Dorianne Bartolo Vella -vs- Industrial Motors Limited", Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2005, il-garanzija konvenzjonali pattwita kienet tikkostitwixxi mezz ta' tishih ghall-harsien tax-xerrej b'aggunta ghal dawk iggarantiti mil-ligi sija jekk mill-ottika ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, sija jekk skond il-previzjoni tal-ligi specjali fl-Artikolu 73 (1) tal-Kapitolu 378 fuq riportat;

Affermati s-suesposti principji ta' dritt dan it-Tribunal iħoss b'konvinzjoni li għandu jistqarr illi mhux sodisfatta mil-linja difensjonali tal-intimat. Mhux wisq verosimili jew plawsibbli illi oggett li huwa ċċertifikat li huwa tajjeb għall-għaxar (10) snin biex jikumbatti s-sadid minn ġewwa għal barra, jibda ħiereġ is-sadid madwar sentejn wara li jinxtara. Pjuttost, huwa indikattiv illi, tabilhaqq, il-biebien ma kienux tal-kwalita u tal-kapacita` ghal liema kellhom iservu. Illi anki jekk għas-saħħa tal-argument il-bibien ma kienux jifilħu għall-melħ, u għalhekk qatt ma kellhom jitwaħħlu fejn twaħħlu, sakemm

mal-klijent ma jagħmilx għażla libera u nfurmata u jinsisti li jrid tali prodott – mill-provi jirriżulta li l-bibien ma kineux viċin direttament tal-baħar stante li wieħed twaħħal ir-Rabat u l-ieħor Ħad Dingli iżda x-xaqliba l-oħra tal-irdumijeit.

Illi it-Tribunal jinnota li l-intimat jargumenta li wieħed mill-bibien kellu garanzija ta' ħames snin u mhux ta' għaxar (10) snin u jargumenta li l-bibien issaddu stante li kienu qed jintużaw viċin il-baħar.

Illi jekk għas-saħħa tal-argument din it-tezi għandha mis-sewwa, l-intimat kellu i) jippreżenta kopja tal-evidenza dokumentarja li tissostanzja din it-teżi u ii) jippreżenta evidenza li s-soċjeta' intimata infurmat lir-rikorrenti fil-mument tal-bejgħ b'din il-limitazzjoni fil-garanzija. Illi min dan kollu m'hemm xejn u t-Tribunal għandu quddiemu biss il-verżjoni mhux kontestata tar-rikorrent[1] li xehed bil-ġurament li l-intimat ammetta verbalment li kienet ġiet kunsinna difettuża.

---

[1] Tajjeb ukoll li jigi emfasizzat li fl-ebda hin l-intimat ma qal li l-ammont mitlub kien esagerat minkejja li fl-ahhar stadju tal-kawza saret referenza li ma kienx hemm ricevuta li tikkorrispondi ghall-bieb l-abjad.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ihoss li għandu jaccetta bħala leġittimu u gustifikat l-ilment tar-rikorrenti ghal liema ser jipprovdi l-provvediment infraskritt.

**DECIDE**

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jirrifondi s-somma ta' tlett elef u sitt mitt ewro (€3,600) fi żmien ħmistax-il jum mil-lum bid-dritt li jieħu lura l-bibien wara li jkun ħallas l-ammont ordnat kif ukoll wara li r-rikorrenti jkun waħħal il-bibien ġodda fil-post u dan sabiex il-garaxx u d-dar ma jkunu fl-ebda ħin mingħajr bieb.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tal-intimat.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**